ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi Ewlenin

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2019**

**IL-ĦDAX-IL SENA** **IL-ĠEOGRAFIJA (L-Orali)** **ĦIN: 10 minuti**

**Il-Karta tal-Għalliema**

Struzzjonijiet għall-għalliema:

Dan l-eżami jrid isir għal kull student/a individwalment.

a. Spjega lill-istudent/a kif se jkun l-eżami.

b. Agħti l-ewwel stampa lill-istudent/a.

ċ. Agħti lill-istudent/a ftit ħin biex i/tħares lejn l-istampa.

d. Staqsi jew iddiskuti mal-istudent/a l-mistoqsijiet marbutin mal-istampa.

e. Assigura li l-istudent/a għandu/ha ħin biżżejjed biex j/tesprimi ruħu/ha sewwa u b'hekk inti tkun tista' tassessja sewwa.

f. Kompli bil-bqija tal-mistoqsijiet b'dan l-istess mod.

1. Ħares sewwa lejn din l-istampa.




a. Din l-istampa qed turina t-tbassir tat-temp. X'tifhem bil-kliem 'tbassir tat-temp'?

b. Kif se jkun it-temp nhar il-Ġimgħa?

c. Għaliex taħseb li aħjar ma mmurx għall-piknik nhar is-Sibt u l-Ħadd?

d. F'liema ġurnata se jkun l-aktar qawwi r-riħ?

e. F'liema ġurnata se tkun l-aktar kesħa?

2. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi.







L-iskart jiġi sseparat fi tliet boroż differenti.

a. X'tifhem bil-kliem 'tissepara l-iskart'?

b. Semmi żewġ affarijiet li nistgħu narmu fil-borża l-bajda tal-iskart organiku.

c. Agħti żewġ eżempji ta' skart riċiklabbli li tista' titfa' fil-borża l-ħadra jew griża.

d. Semmi żewġ affarijiet li nistgħu narmu fil-borża s-sewda.

e. Għaliex hemm bżonn li nnaqqsu l-iskart?